Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Anthony Scerri]

vs

Tarcisio Deguara

Kumpilazzjoni Numru: 674/2020

Illum, 2 ta' Frar, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Tarcisio Deguara detentur tal-karta tal-identita` numru 032757M akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fis-sena 2018 u fis-snin ta' qabel, fil-

kapacita tieghu bhala impjegat pubbliku fl-Ufficju tan-Nutar tal-Gvern u l-Arkivji Notarili; (Art 18 Kap 9)

1. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, ssomma ta' aktar minn hames mitt ewro (€500), izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5000), taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. (Art 293, 294, 310(1) et seq. Kap 9)

2. ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, kartita' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew saraqhom. (Art 127 et seq. Kap 9).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, u/jew Artikolu 28H, tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-rigward illi l-hati jhallas id-danni ghandhom ukoll *mutatis mutandis* japplikaw kull meta jigri li persuna tinghata sentenza wara li tkun instabet hatja ta' delitt kif ikkontemplat fl-Artikolu 532A, tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta

F'kaz ta' htija il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti;

Semghet provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art. 18, 293, 294, 310(1) et seq., 127 et seq., 28H u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation.

Stante ammissjoni mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti u stante li din l-ammissjoni qed issir fi zmien bikri u l-fedina tal-imputat hija wahda netta, qed issib lill-imputat Tarcisio Deguara hati tal-

akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti a bazi tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna wkoll li l-imputat ihallas is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) lill-parte civile u dan fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Tarcisio Deguara l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**